# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar is-27 ta' Mejju 2021

**Rikors Numru : 388/2020 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**DC**

**Vs**

**OC**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' DC, datat 9 ta' Novembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi hija kienet izzewget lil intimat OC fid-disa' u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena 2008;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat sitta (6) ta' Gunju tas-sena 2012 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Reuben Debono u dan kif jindika id-dokument anness u mmarkat dok DC1;*

3. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u ma kien hemm qatt obbligu ta' hlas ta' xi manteniment;*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn tmien snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin;*

5. *Illi l-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tippronunzja l-hall taz-ziweg bejn il-partijiet;*
ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' OC, dataat 5 ta' Marzu 2021, a fol 9C et seqq., li taqra hekk:

*Illi l-esponent jikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha.*

*Illi l-esponent jirrileva wkoll li m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jigi pronunzjat id-divorzju bejnu u bejn martu DC.*

*Illi minkejja dan l-esponent jirrileva li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu esklussiv tar-rikorrenti,*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi skont il-ligi, u bl-ispejjez.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Nota ta' OC datata 25 ta' Mejju 2021;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DC** xehdet (vide affidavit fol 9B) illi hi zzewget lill-intimat nhar id-29 ta' Gunju 2008 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Ikkonfermat illi dan iz-zwieg filfatt ma rnexxiex u li sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat nhar l-24 ta' Frar 2012 fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono. Sostniet illi ilhom tmien snin jghixu separati minn xulxin u ghalhekk ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni. Di piu xehdet illi ma hemmx ebda pendenzi ta' manteniment. Xehdet illi ddecidiet li tirreverti ghal kunjom xbubitha.

**OC** xehed (vide affidavit fol 9E) u kkonferma dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2008, liema zwieg jgib c-certifikat numru 959/2008 ( vide certifikat taz-zwieg, a fol 2) u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono nhar l-24 ta' Frar 2012 (vide kuntratt ta' separazzjoni Dok DC1 a fol 3 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Il-kontendenti kkonfermaw li ma hemm ebda manteniment dovut.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 959/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**